MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru 715/2005

**IL-PULILZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**JONATHAN SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jonathan Scerri, ta' 25 sena, bin Francis u Mary Grace nee' Caruana, imwieled nhar l-14 ta' Mejju, 1980 gewwa l-Pieta' u residenti fil-fond numru 7, Triq Sciortino, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 240680 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Awissu, 2005, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u kwart ta' fil-ghodu, (02.15hrs),u t-tlieta ta' fil-ghodu (03.00hrs), gewwa Triq Sant'Andrija, San Giljan, l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hekk kontra WPS 45 M Bartolo, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikoli 96 u ….tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 524 P Cassar, PC 59 A Saliba, PC 1187 O Zammit, WPS 45 M Bartolo, inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluiwixxi fuqhom kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPS 45 M Bartolo u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggha bi kliem,b’gesti jew mod iehor lil PS 524 P Cassar, PC 59 A Saliba, PC 1187 O Zammit, WPS 45 M Bartolo, u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli kellu f’idejh jew fuqu, sikkina ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli fil-hin li gie arrestat ghall-eghmil ta’ xi delitt kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli bil-lejl kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittmin ta' PS 524 P Cassar, PC 59 A Saliba, PC 1187 O Zammit, WPS 45 M Bartolo, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat il-verbal tal-lum, fejn l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq jikkonsidraha skond il-Ligi.

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221, 252, 338(m), 338(dd), 338(bb), 342, u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 13 u 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jonathan Scerri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u tikkundannah

ghal perjodu ta' prigungerija ta' xahar (1) sospiz ghal sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tordna wkoll konfiska tal-mus.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------